TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 169/15-F

Teresa Bartolo
Vs
Portughes Laundry & Dry Cleaning

Illum, ta' Marzu, 2016

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-7 ta' Settembru, 2015, fejn ir-rikorrenti talbet danni ta'elf mija erbgħa u sittin Ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1164.69) rappreżentati kutra tas-suf li ġrala l-ħsara waqt il-proċess tad-*dry cleaning*.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema x-xhieda tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti xtrat kutra tas-suf, *Merino wool,* li waqt li sar il-proċess tad-dry cleaning sarilha l-ħsara.

L-intimat issottometta li wara l-proċess tad-drycleaning din il-kutra nxtorbot u bdiet tħalli t-trab warajha.

**It- Tribunal jinnota illi:**

Il-kutra saritilha l-ħsara wara l-proċess tad-drycleaning u xorta baqa' joħroġ ħafna trab nfatti meta r-rikorrenti fetħet din il-kutra, l-intimat induna li kien hemm ħafna trab ukoll.

Ir-responsabbilta' tal-proċess tad-drycleaning hija ta' l-intimat

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qiegħed jiddeċiedi li jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lis-soċjeta ntimata tħallas is-somma ta'tmiem mitt Ewro (€800) bl-ispejjes kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**